MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta ta' l-10 ta' Novembru, 2006

Citazzjoni Numru. 100/1994/1

Antoinette mart Carmelo Farrugia
li tidher kemm f'isimha proprju u
kemm għan-nom u in rappreżentanza
ta' ħuha l-imsiefer George Galea ;

L-AIC Saviour Micallef li jidher għan-nom u
in rappreżentanza tal-assenti Joseph Galea .

vs

Luigi Cini .

Il-Qorti,

Rat iċ-ċitazzjoni li permezz tagħha l-atturi, wara li ppremettew illi :

L-atturi huma komproprjetarji flimkien mal-konvenut ta' sest (1/6) indiviż jew kwota verjuri tal-fond li jikkonsisti f'dar li tinsab fi triq il-Madonna taċ-Ċiċri, Żebbuġ,

Għawdex bin-numru wieħed u erbgħin (41) inkluża wkoll il-mandretta li tinsab adjaċenti mill-parti retrostanti bil-kejl kollu li fiha, liema kejl għandu jiġi stabbilit waqt it-trattazzjoni ta' dina l-kawża .

Li l-atturi ma jridux jibqgħu aktar fi stat ta' komunjoni flimkien mal-konvenut fil-fond fuq imsemmi .

Li għalkemm huma interpellaw lill-konvenut sabiex jersaq għad-diviżjoni u l-assenjazzjoni tal-parti spettanti lill-atturi l-konvenut baqa' inadempjenti .
Talbu lill-konvenut jgħid għaliex m'għandhiex din il-Qorti :

1. Tordna d-diviżjoni tal-fond numru wieħed u erbgħin (41) triq il-Madonna taċ-Ċiċri ġia Gram Street Żebbuġ bir-raba miegħu anness mill-parti retrostanti f'żewġ porzjoni mhux ugwali u ċioe' porzjoni li tikkomprendi sest (1/6) tal-intier u porzjon li tikkomprendi r-rimanenti ħamsa minn sitta (5/6) tal-intier, okkorrendo b'opera ta' periti nominandi .

2. Tordna l-assenjazzjoni tal-partijiet rispettivi u ċioe' l-porzjoni li tikkomprendi s-sest (1/6) tal-intier lill-atturi u l-porzjoni l-oħra lill-konvenut .

3. Tordna l-pubblikazzjoni tal-att ta' diviżjoni w assenjazzjoni billi tinnomina nutar li għandu jirċievi l-att pubbliku relattiv, fil-ġurnata, ħin u lok li jiġu stabbiliti, u in-nomina tal-kuratur sabiex jirrappreżenta lill-eventwali kontumaċi .

Bl-ispejjeż kompriżi dawk tal-ittra uffiċjali ta' Frar 1994 kollha kontra l-konvenut li jibqa' minn issa mħarrek għas-subizzjoni .

Rat id-Dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-atturi kkonfermata bil-ġurament ta' Antoinette Farrugia .

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut li eċċepixxa illi :

1) Illi in linea preliminari l-atturi ma jistgħux jipproċedu b’din iċ-ċitazzjoni qabel ma jġibu l-prova illi huma nkludew il-kwota pretiża minnhom fl-avviż tas-suċċessjoni illi kellu jsir fl-okkażjoni tas-suċċessjoni illi kellu jsir fl-okkażjoni tal-mewt ta’ ommhom Maria Galea ;

2) Illi wkoll in linea preliminari ċ-ċitazzjoni hija rrita monka u nulla għaliex ma fihiex spjegazzjoni dettaljata u ċara tal-fatti illi wasslu sabiex l-atturi jkollhom il-kwota minnhom imsemmija tal-fond de quo ;

3) Illi fil-meritu u mingħajr preġudizzju għas-suespost, mhux veru illi l-atturi għandhom kwota ta’ sesta parti mill-fond in kwistjoni . Għal kuntrarju l-kwota illi jmisshom hija biss ta’ nofs indiviż ta’ nona parti (1/2 ta’ 1/9) tal-istess fond filwaqt illi l-kwoti l-oħra kollha jispettaw lill-esponenti .

4) Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt .

Rat id-Dikjarazzjoni tal-fatti ta’ l-istess konvenut kkonfermata bil-ġurament tiegħu .

Rat is-sentenza preliminari tagħha tat-30 ta' Ottubru 2001 .

Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża, inklużi l-verbali tax-xhieda prodotti u d-dokumenti esebiti .

Ikkunsidrat :

Illi l-kontendenti talbu din is-sentenza *in parte* billi ma jistgħux jaqblu dwar l-estensjoni tar-raba annessa mal-fond in diviżjoni, u ċioe' dak li jġib in-numru wieħed u erbgħin (41), Triq il-Madonna ta -Ċiċri, Żebbuġ, Għawdex . Il-konvenut isostni illi l-proprjeta' in diviżjoni hija dik ibbordurata bil-kulur roża fil-pjanta annessa mar-risposta tiegħu tas-17 ta' Jannar 2005[1] . L-atturi da parti tagħhom jikkontendu illi din il-proprjeta' tkopri t-territorju

[1] Dok. LC a fol. 312 tal-process .

kollu mmarkat b'diversi kuluri fuq il-pjanti esebiti man-Nota ta' l-attriċi tat-30 ta' Marzu 2004[2] .

Skond il-konvenut l-atturi qed jittentaw jinkludu f'din id-diviżjoni :

(i) ir-raba annessa mal-fond numru erbgħin(40) fl-istess triq, illi huwa kien akkwista b'titolu ta' bejgħ in atti Nutar Dr. Giuseppi Cauchi tas-17 ta' April 1973,[3] (dan huwa dak immarkat bil-kulur aħdar fuq il-pjanta Dok. LC) ; u

(ii) raba ieħor immarkat bil-kulur blu fuq l-istess pjanta, u li l-konvenut jallega illi huwa fil-pussess ta' terzi u li qatt ma kien f'idejh . Fir-Risposta tiegħu tas-17 ta' Jannar 2005 l-istess konvenut jgħid illi huwa lest jirrinunzja għal kwalunkwe jedd li jista' jkun spettanti lilu mill-wirt ta' Dun Alwig Cini fuq din ir-raba a favur ta' l-atturi, biex b'hekk dawn ikunu jistgħu ifittxu lil dawn it-terzi għall-pretensjonijiet tagħhom dwar din ir-raba .

L-attriċi Antoinette Farrugia tallega illi meta l-konvenut xtara l-fond nurmu 40 Triq il-Madonna taċ-Ċiċri, iż-Żebbuġ bil-kuntratt tal-1973, huwa ma kienx qed jixtri l-ishma kollha minn dan il-post . Imma, apparti l-fatt illi din il-kawża tittratta biss id-diviżjoni tal-fond numru 41 biss, u mhux ukoll in-numru 40, kwalunkwe pretensjonijiet illi seta' kien hemm dwar il-fond numru 40, jidher illi llum jinsabu preskritti bil-preskrizzjoni akkwiżittiva ta' għaxar snin .

Sabiex issostni l-pretensjonijiet tagħha dwar ir-raba l-ieħor ibbordurat bil-kulur blu fuq il-pjanta LC, l-attriċi ppreżentat diversi dokumenti, fosthom ir-riċerki dwar it-trasferimenti u debiti ta' ċertu Francis Cini, li jidher illi kien missier Dun Alwiġ Cini, li lilu kienet tappartjeni d-dar in diviżjoni, bir-raba magħha annessa . Madankollu l-attriċi ma jirriżultax illi spjegat sodisfaċentement kif din ir-raba, jekk tassew xi darba kienet tappartjeni kollha kemm hi lill-imsemmi

---

[2] Dokti. MF 1 u MF 2 a fol. 271 u 272 tal-process .
[3] Dok. MAF 10 a fol. 153 - 163 tal-process .

Francis Cini, spiċċat għand ibnu Dun Alwig Cini waħdu u ġiet inkorporta mal-fond numru 41, Triq il-Madonna taċ-Ċiċri, iż-Żebbuġ, li tiegħu qed tintalab id-diviżjoni b'din il-kawża .

Għaldaqstant, mingħajr preġudizzju għad-drittijiet talvolta spettanti lill-atturi fuq xi sehem mir-raba indikata bil-kulur blu fuq il-pjanta Dok. LC a fol. 312 tal-proċess u esebita mill-konvenut mar-risposta tiegħu tas-17 ta' Jannar 2005, tiddeċidi dwar din il-kwistjoni billi tiddikjara illi l-fond in diviżjoni jikkonsisti fid-dar li ġġib in-numru wieħed u erbgħin (41), Triq il-Madonna tac-Cicri, iz-Zebbug, Ghawdex, bil-hames biċċiet raba' miegħu annessi, kollox ibbordurati bil-kulur roża fuq l-istess pjanta . Tordna għalhekk illi l-proċess jiġi rimess lill-perit tekniku sabiex jesegwixxi l-inkarigu tiegħu a tenur tad-digriet tagħha tat-30 ta' Ottubru 2001 .

L-ispejjeż jibqgħu riservati għas-sentenza finali .

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------